


# Ħal Balzan: mill-pellikola għad-diġitali

**kitba ta' Joseph P. Borg MA**

Kull ħarġa ta' dan il-ktieb tal-festa l-editur jieħu ħsieb iżewwaqha b'għad ġmielu ta' ritratti, uħud minnhom jgħoddu għexieren ta' snin. Waqtiet nostalġiċi jgħaddu minn fuqna hekk kif ifiġġu quddiemna l-għeżież tagħna Balzanin, fosthom dawk li m'għadhomx magħna, għax wara t-tfulija tiġi ż-żgħożija, u wara x-xjuħija l-għaġeż – iż-żmien ma jistenna 'l ħadd u l-minġel jasal fuq kulħadd. U mhux biss. F'dawn ir-ritratti nilmħu l-inħawi tagħna l-Balzanin li mal-mogħdija tas-snin ġarrbu bidliet kbar, hekk li ħafna drabi ma nibqgħux nagħrfu l-bini, it-toroq u s-sqaqien li darba kienu jagħmlu parti mill-pajsaġġ tagħna.

Għalhekk, dawn it-tifkiriet mir-ritratti jiswew mitqlu deheb – *a picture is worth a thousand words* – u jiswew mhux ftit għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna, l-aktar għall-Balzanin li jibqgħu jgħożżu l-ambjent li twieldu fih u għall-istoriċi.

Bis-saħħa ta' din il-kitba nixtieq nagħmel appell ċkejken biex mhux biss nibqgħu niġbru r-ritratti qodma, nerfgħuhom b'għożża fl-albums u nippubblikawhom, iżda wkoll nieħdu ħsieb nagħmlu riproduzzjoni diġitali tagħhom. B'hekk inserrħu moħħna li l-fotografija tinżamm permanenti għax ir-ritratti maż-żmien jintfew u jisfaru – jiddependi mill-kimika, il-karta u l-proċess li bih ikunu ġew żviluppati.

Proposta oħra aktar ambizzjuża hi li l-Każin tal-Banda San Gabriel jibni librerija ta' films b'rabta mar-raħal u l-festa tagħna biex jinżammu fl-arkivju tal-Każin. Illum il-ġurnata saret moda li bid-*digital camera* li qed tieħu post il-*video camera*, inżommu t-tifkiriet tal-attivitajiet organizzati fir-raħal tagħna, speċjalment tal-festa. Għalhekk xieraq li narkivjaw kemm dawn il-filmati mid-dilettanti, kif ukoll dawk il-programmi jew sensiliet miġbudin professjonalment li jġibu lil Ħal Balzan, bħala *Bonġu Malta*, li kien ixxandar mill-istazzjon tal-istat fid-19 ta' Mejju 1985, mill-Ġonna ta' Sant'Anton u *Forċina* (produzzjoni tal-Media Link Communications, fl-2007).[1]

Il-proġett għandu jkun estiż ukoll għall-films miġbudin mid-dilettanti fuq il-pellikola, magħrufa aħjar bħala *8mm* jew *Super 8mm film*. Fost il-





Balzanin li kellhom dan id-delizzju nsibu lill-mibki eks President Onorarju Mons. Carmelo Sciberras. Is-Sur Charles Parascandolo, membru tas-Soċjetà tal-Museum, kien ukoll żamm tifkiriet fuq il-pellikola ta' Qasam XX fis-sebgħinijiet.

Is-*Super 8mm film* kien deher fis-suq fl-1965, u kien ħa post l-istandard 8mm li kien jiġbed 16-il *frame* fis-sekonda (16fps). Il-film kien jiġi ppakkjat f'kartriġ u kien ikun fih rukkell ta' 50 pied ta' pellikola. Bis-sistema tas-Super 8 kull rukkell ta' film kien jagħtik 3 minuti u 20 sekonda (bit-18fps) u għalhekk kien superjuri għall-i*Standard 8mm film*. Is-sistema fil-bidu kienu muta imma fl-1973 żviluppaw pellikola li kienet tinkludi *magnetic soundtrack* biex tirrekordja l-ħoss ukoll.[2]

Kien hemm diversi sistemi differenti għal din it-tip ta' ċinema, fosthom il-*Fujifilm single-8 system* imma l-aktar popolari kienet is-sistema tal-Kodak. Billi l-ħin iffilmjat kien tassew qasir, ħafna dilettanti kien jġonġu għadd ta' *reels* ma' xulxin u joħolqu *reel* ta' 400 pied li jagħtik film ta' madwar nofs siegħa. Din is-sistema llum m'għadhiex popolari u nqatgħet għalkollox hekk kif is-sistema tal-*video-tape* saret aktar effiċjenti fis-snin tmenin.[3]

Balzani ieħor li kellu n-natura tas-*Super 8* huwa s-Sur Gabriel Agius. Fost il-films li ġibed u bihom għandna t-tifkira dejjiema ta' xi ġrajjiet insibu: xeni mill-Karnival tal-1971 (?) bis-sehem tal-Każin San Gabriel bil-karru tal-*Los Sombreros*; marċi tal-festa u purċissjonijiet bl-istatwa titulari ta' Marija Annunzjata matul is-snin sebgħin u l-filmati bit-titli *Ħruq tan-Nar mill-Kamra ta' San Gabriel – Lulju 1981; 20 ta' Frar 1983 – dehra ġenerali ta' Ħal Balzan minn fuq il-kampnar tal-knisja wara li ġarrab ħsarat b'riħ qawwi fil-11 ta' Ottubru 1982*.[4]

Il-kollezzjoni tinkludi wkoll *Festa tat-Taħbira ta' Marija 1984* u l-filmat tal-bini tal-Każin tal-Partit Laburista huwa 'dokumentarju' interessanti ta' ħaddiema voluntiera Balzanin f'armonija fis-sengħa tal-bini. Il-film jinkludi wkoll il-ftuħ uffiċjali ta' 'Dar il-Ħaddiem' nhar is-27 ta' Awwissu 1998.[5]

Hawnhekk tajjeb li nsemmu li fis-sala prinċipali tal-Każin San Gabriel insibu xena li ġġib il-faċċata tal-każin Marija Annunzjata, xogħol il-pittur Alfred Muscat, Viċi President tal-istess Każin.[6] Jekk niflu sewwa din il-pittura nilmħu kif kienet tibda Triq it-Tliet Knejjes mill-misraħ qabel twaqqgħet parti minnha biex din it-triq twessgħet għall-bini tal-Każin Laburista fir-raħal tagħna, miġbud dettaljat mis-Sur Gabriel Agius.

Għaldaqstant, l-appell tagħna huwa li kull min għandu films *8mm Super 8mm* javviċina l-awtur ta' dan l-artiklu biex dawn il-films jiġu trasferiti għall-format diġitali u hekk ikunu preservati għas-snin li ġejjin.

Referenzi

1 John Pullicino, *Għeluq il-Ħamsin Sena mit-twaqqif tal-Banda San Gabriel – 1952-2002* (Malta, Każin San Gabriel, 2002), 25-26.

2 L-i*Standard 8mm film* inħoloq mill-*Eastman Kodak* u sar kummerċjali fl-1932 fi żmien id-Dipressjoni l-Kbira fl-Istati Uniti, forma aktar irħisa minn dik tas-16mm film. Għal aktar tagħrif ara l-Wikipedia: http://en.wikipedia.org/wiki/Super_8_mm_film#cite_note-2.

3 Il-*video-tape* huwa aktar effiċjenti u orħos. Fuq *video cassette* tista' tirrekordja sigħat sħaħ u ma jeħtieġ l-ebda proċessar (tista' tara dak li tkun ġbidt dak il-ħin stess permezz tal-VCR u tv) filwaqt li l-proċessar tal-pellikola jsir barra minn Malta u għalhekk jieħu ż-żmien sakemm tara dak li tkun ġbidt. Aktar minn hekk, *video-tape* jista' jitħassar u jerġa' jintuża filwaqt li l-pellikola ma titħassarx.

4 Ara Ħal Balzan, Ottubru/Diċembru 1982. Silta minn dan l-artiklu deher fil-Ktieb tal-Festa tal-2002 f'għeluq l-20 sena ta' din il-ġrajja.

5 Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sal-1999*, (Kunsill Lokali Balzan, Malta 2004), 462-463).

6 Ara l-artiklu ta' John Pullicino, *Tagħrif fil-Qosor dwar il-Pittura li tinsab fis-Sala Prinċipali tal-Każin* (Ktieb tal-Festa ta' Marija Annunzjata 2007, Każin San Gabriel, Malta, 2007), 78-79.